## FEJN ĦRABT?

JOE ELLUL

Fejn ħrabt ja żmien bla ħin għalija?
Qiegħed f'xi rokna mħabbel m'għanqbut ħsiebi?
Sikwit ngħarrixlek, nara nilmaħx dellek
tal-waqtiet sbieħ niġġerra 'l bogħod ma' ħbiebi.

Sajmin mill-frugħa tat-tlellix ċekċieki,
nimirħu ħielsa fil-widien tar-Raħal,
nixxabbtu w nilħġu biex narċiża naqtgħu,
je' nsoffu l-għasel mix-xehdiet tan-naħal.

Arani, liebes qmis tan-newl lenkieni,
roqgħa fuq roqgħa - lewn dublett nannieti -
u b'qorq imqatta' marbut b'qafla m'għonqi
u b'qafl'oħra meħmuż xifer qalzieti.

Ġo borża, ġemba ħobż u ġbejna t'Għawdex,
- tagħmilhom ommi mill-ħalib u x-xorrox! -
u bott bi spaga, li bih nimlew l-ilma,.....
slaten ħenjin f'saltna mimlija b'kollox!

Il-qbiż u l-ġiri, qisni tewmi t'erħa'
fejn mort? Illum l-artrite għattbitni,
biex nagħmel pass jeħtieġli ħatar jgħinni,
żewġ tarġiet oħra u d-dud biss jiritni!

Nixtiequ ż-żmien bla ħin li ħarab...
Imma li xjeħt ma nħoss la hemm la dieqa,
neħja nara farfett jew tnejn jiżżagħblu,
bħal karti mżewqa jtiru qrib it-tieqa.

Mortu waqtiet sajfin, imma le mittu,
għax is-sebgħin l' għandi jgħibu, insir sabi...
i jirxuxtaw ma' l-irxuxtar tal-MUŻA,
nerġa' niġri u naqbeż fil-widien ma' sħabi!!!

16.8.89

---

## IL-KUMITAT TAL-GħAQDA TAL-FOLKLOR 1997

| | |
|---|---|
| Presidenti Onorarji: | Sur Ġużè Cassar Pullicino |
| | Sur Rafel Bonnici Calì |
| | Dr. V.M.Pellegrini |
| Viċi President Onorarju: | Sur Ġużi Buontempo |
| President: | Sur Guido Lanfranco |
| Viċi President: | Sin'a Maria Pisani |
| Segretarju: | Sur Alfred Fenech |
| Assistent Segretarju: | Sur Angelo Dougall |
| Teżorier: | Sur J.F.Porsella-Flores |
| Assistent Teżorier: | Sur Joseph Fenech |
| Membri: | Sur Frans Farrugia |
| | Sur Lewis Fenech |
| | Sur Charles Seychell |
| Editur: | Sur Guido Lanfranco |
| Awditur 1998: | Sur Alfred Mallia |